DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/129/PESK

tal-1 ta' Marzu 2010

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Liberja ([1]).

(2) Fis-17 ta' Diċembru 2009 l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni (UNSCR) 1903 (2009) li ġġedded il-miżuri restrittivi fuq l-ivvjaġġar għal perijodu ulterjuri ta' tnax-il xahar u temenda l-miżuri restrittivi dwar l-armi.

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

(4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati xi whud minn dawn il-miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2008/109/PESK għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-forniment dirett jew indirett, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u kwalunkwe materjal relatat u l-forniment ta' kwalunkwe assistenza, konsulenza jew taħriġ relatat ma' attivitajiet militari, inklużi l-finanzjament u l-assistenza finanzjarja, minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew li jużaw il-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru bil-bandiera tal-Istati Membri, lill-entitajiet kollha non-governattivi u lill-individwi li joperaw fit-territorju tal-Liberja."

(2) L-Artikolu 2 għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 2*

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

(a) armi u materjal relatat kif ukoll għal taħriġ u assistenza teknika maħsubin biss għall-appoġġ jew għall-użu mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja (UNMIL);

(b) ilbies protettiv, inklużi ġkieket antiprojettili u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Liberja minn persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, rappreżentanti tal-mezzi tax-xandir u ħaddiema umanitarji u fil-qasam tal-iżvilupp u persunal assoċjat, għall-użu personali tagħhom biss;

(ċ) tagħmir militari ieħor li ma joqtolx maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, u assistenza teknika u taħriġ relatati, kif innotifikat minn qabel lill-Kumitat stabbilit taħt il-paragrafu 21 tal-UNSCR 1521 (2003) ('il-Kumitat tas-Sanzjonijiet');

2. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat jew il-forniment ta' servizzi, msemmijin fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom iqisu l-kunsinni taħt il-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 fuq bażi ta' każ b'każ, b'kont sħiħ meħud tal-kriterji stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari ([1]). L-Istati Membri għandhom jeħtieġu salvagwardji adatti kontra l-użu ħażin tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont dan il-paragrafu u, fejn adatt, jagħmlu dispożizzjonijiet għar-ripatrijazzjoni tal-armi u l-materjal relatat ikkunsinjati.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet minn qabel dwar kwalunkwe trasport marittimu ta' armi u materjal relatat lill-Gvern tal-Liberja jew kwalunkwe forniment ta' assistenza, konsulenza jew taħriġ relatat ma' attivitajiet militari lill-Gvern tal-Liberja minbarra dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1.

_____

([1]) ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

D. LÓPEZ GARRIDO

([1]) ĠU L 38, 13.2.2008, p. 26.